**26 ta' April, 1963.**

**Imħallfin:**

**S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D., President.**
**Onor. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.**
**Onor. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

Joseph Caruana

*versus*

Joseph Bugeja

**Bord tal-Kera — Tibdil tad-Destinazzjoni tal-Fond.**

*F'dan il-każ l-intimat kien sajjied u oltri li kien jabita fil-post bil-familja tiegħu kien iżommu fih xi tankijiet tal-petrol u ordenji tas-sajd. B'daqshekk ma jistgħax jingħad li hu biddel id-destinazzjoni tal-fond.*

Il-Qorti, rat it-talba tar-rikorrent quddiem il-Bord li jirregola il-Kera biex jiġi awtorizzat jirriprendi pussess talfond numru 3, St. Francis Street, Marsaxlokk billi l-intimat għamel użu divers minnu u għamel ukoll ħafna ħsara fih.

Rat id-deċiżżjoni ta' dak il-Bord tal-15 ta' Jannar, 1963 li biha laqa t-talba u ta' żmien sa l-aħħar ta' Frar, għall-iżgumbrament bl-ispejjeż kontra l-intimat, wara li kkunsidra:—

Illi mill-provi rriżulta illi l-intimat kera l-fond de quo xi 21 sena ilu. Kien jappartieni lil Carmela Savona li tgħix Għawdex u krietu permezz tal-mara tar-rikorrent li hija oħt

l-intimat: u mbagħad biegħetu lir-rikorrent xi sentejn u nofs ilu.

L-intimat huwa sajjied: ex admissis iżomm xi għaxar jew tnax il-tank tal-ħames galluni l-wieħed bid-diesel oil għall-inġenji tal-baħar tiegħu: fil-fond in kwistjoni fejn jabita bil-familja iżomm ukoll ordenji tas-sajd u taqqab il-ħajt biex jagħmel xkafef u raff.

Il-fond huwa sdingat ħafna u fih diversi ħsarat kif jidher mid-dikjarazzjoni tal-Membri Tekniċi tal-Bord. Ma jidherx illi l-intimat huwa responsabbli tal-ħsarat kollha għaliex kif xehed, meta kera l-fond kien ibblastjat u kellu tiswijiet provviżorji li kienu saru mill-Gvern fi żmien il-gwerra. Ma jidherx pero illi kollox huwa dovut għal vetusta jew għal kawża tal-gwerra: hemm infatti t-taraġ miksur u minfud b'pilastru tal-ġebel: u ma kienx verosimili illi kieku l-intimat ma kellux ħtija kien sejjer, kif xehed, ma jgħid xejn u jsewwieħ hu u jikkontenta bl-osservazzjoni ta' ħu s-sid li qallu "ma tgħaddux kif intkom?" Hekk ukoll l-intimat ammetta li nkisru żewġ xorok kemm ilu fil-post u mingħajr ma jaf l-għala: ta' min josserva illi f'parti oħra tal-ħajt fejn kien hemm xorok miksura s-sid ħa ħsieb u biddilhom.

A parti minn dan hemm il-fatt ukoll illi l-intimat qiegħed iżomm kwantita ġmielha ta' diesel oil fit-tankijiet u ordenji tas-sajd f'fond li krieh appożitament għall-abitazzjoni. Għalkemm meta wieħed jikri dar lil sajjied ma jistax jippretendi illi dan ma jdaħħalx assolutament xejn li għandu x'jaqsam mas-sengħa tiegħu: pero f'dan il-każ l-intimat eċċeda l-limiti raġonevoli tal-użu li sata' għamel minnu. Carmela Savona hija kategorika li kriet il-fond lill-intimat bil-kondizzjoni illi ma jżommx għodod tas-sajd u l-Perit Savona kkonferma dan u xehed illi kull meta kien jara xi xbiek

jew oġġetti oħra tas-sajd kien jgħid *lill-intimat li ma jrid-homx hemm ġew.*

Il-Bord għaldaqshekk isib provati ż-żewġ kawżali li fuqhom huwa bażat ir-rikors.

Rat ir-rikors ta' l-intimat li bih appella minn dik id-deċiżżjoni u talab li tiġi revokata u t-talba ta' l-appellat tiġi *miċħuda bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra tiegħu;*

Rat ir-risposta ta' l-appellat li qal illi d-deċiżżjoni appellata hi ġusta u timmerita konferma bl-ispejjeż kontra l-appellant;

Rat il-verbal ta' l-aċċess miżmum mill-Qorti fil-21 ta' Marzu, 1963 u d-depożizzjonijiet ta' xi xhieda li nstemgħu *quddiem il-Qorti;*

Rat l-atti kollha tal-kawża, semgħet it-trattazzjoni u ik-kunsidrat:—

It-talba ta' l-appellat kienet ibbażata fuq żewġ kawżalijiet, ċioe, l-ewwel, illi l-appellant qed jagħmel mill-fond użu divers minn dak li għalih krieh; u, it-tieni, illi hu għamel fil-fond ħafna ħsara.

M'hemmx kwistjoni illi l-fond inkera għall-abitazzjoni: u nfatti f'dan il-fond li jikkonsisti f'entrata fil-pjan terren u żewġ kmamar u kċina fuq, jabitaw għaxra minn nies, ċioe l-appellant u martu u tmient itfal. L-appellant huwa sajjied u kien ta' dan il-mestier anki meta kera l-fond. Mhux kontestat illi l-appellant iżomm fil-fond ordenji tas-sajd u anki ċertu kwantita ta' diesel oil tal-luzzu tas-sajd. Iżda l-*Qorti li issa rat il-post b'għajnejha ma jidhriliex li jista' jin-*

għad li b'daqshekk hu qed ibiddel id-destinazzjoni tal-fond. Ġa ntqal illi l-fond jikkonsisti f'entrata b'tarag ġo fiha li jitla għall-pjan ta' fuq. Id-diesel jinżamm appuntu mrekken taħt dan it-tarag. Il-knuż u għodod oħra tas-sajd jinżamm fuq żewġ jew tliet raffijiet jew xkafef wesgħajn wieħed fl-intrata u l-ieħor jew oħrajn mal-ħajt tat-trieq. Mill-bqija l-ambjent ta' fuq hu kollu kemm hu wżat għall-abitazzjoni ċioe żewġ kmamar tas-sodda u kċina u kamra ta' l-ikel: biss fuq il-bejt jinżammu xi kaxxi vojta li jintużaw għall-ħut u aktarx anki xi *sufri kbar u ċimi meta ma jkunux fil-baħar* fl-istaġun tas-sajd. Trattandosi ta' fond aktarx żgħir, mikri lil-sajjied, ġo post tipikament tas-sajjieda bħal ma hu Marsaxlokk, il-Qorti mhix ta' fehma illi l-użu li l-appellant qed jagħmel mill-fond għandu jitqies anormali u tali li jista' jingħad li bih ġiet snaturata jew mibdula d-destinazzjoni tiegħu.

Kwantu għall-ħsara: il-kiri sar meta l-gwerra kienet għadha ma spiċċatx għal kemm kienet waslet fl-aħħar. Infatti l-appellant xehed illi wara li daħal fil-fond saru xi tlieta jew erba' air raids. Il-post dak iż-żmien kien ibblastjat u bil-ħsara tal-bombi. Għad illi kienu saru fih xi "first-aid repairs," l-appellant kellu jagħmel il-ħġieġ ta' l-aperturi flok it-tertuqa li kien hemm u xi xogħolijiet oħrajn. Aktarx kien għal dawn ir-raġunijiet illi l-kera li bih il-fond ġie mogħti lill-appellant kien orħos minn dak li kien qabel. Peress illi dan hu bini antik, *viċin il-baħar*, u, *kif intqal, maħsus bil-gwerra*, il-Qorti ma' tistax tgħid li hu jinsab fi stat deterjorat ħafna.: fuq kollox ma tistax tgħid illi l-ħsarat li hemm ikkaġunahom l-appellant. L-għar ħsara tinsab fil-madum: iżda din tinsab fl-ambjenti kollha mill-entrata sa f'kull waħda mill-kmamar ta' fuq u kollha hi ta' l-istess xorta, konsistenti f'titqib jew taħfir tal-madum. Ma jistax għalhekk ikun, kif donnu ġie suġġeriet mill-appellat, illi din il-ħsara ġiet kaġu-

nata bit-tkaxkir tat-tankijiet tal-petrol: dawn infatti, kif ġa ntqal, jinżammu taħt it-taraġ fl-entrata. Anqas jidher possibbli illi l-madum tħaffer bit-tkissir tas-silġ. L-ewwelnett m'hemm ebda prova illi s-silġ jitkisser fil-kmamar u ma jistax ikun illi proprju isir tkissir fl-ambjenti kollha. L-appellant xehed illi l-paviment ġa kien bi ftit madum mħaffer meta daħal u l-ħsara kompliet tiżdied gradatament bil-'wear *and tear' normali fil-kors tal-wieħed u għoxrin sena li ilu fil*-fond. Giuseppe Abela li kien jikri l-post sal-1939 jew 1940 xeħed illi ġa dak *iż-żmien kien hemm* ħsara fil-madum għalkemm ma satax jgħid kemm ħsara kien hemm. Anki fil-fond attigwu okkupat mill-appellat il-Qorti osservat ħsara fil-madum ta' l-istess xorta bħal dik eżistenti fil-fond in kwistjoni għad illi ferm inqas estiża u mart l-appellat xehdet li hi taħseb li l-ħsara fil-fond tagħhom ġrat "bl-użu normali li jagħmlu mill-post bħala familja kbira."

Anki dwar il-ħsarat l-oħra msemmijin fir-rapport tal-Membri Tekniċi tal-Bord m'hemmx *prova* soddisfaċenti li kkaġunahom l-appellant jew li huma dovuti għan-nuqqas ta' *manutenzzjoni li* skond il-liġi kienu jinkombu lilu: u l-preżunzzjoni *li* l-appellant irċeva l-fond fi stat tajjeb għar-riparazzjonijiet ta' kull xorta hi eskluża jew serjament intakkata bix-xhieda tiegħu *illi* ħafna *mid-difetti* kienu ġa jeżistu meta okkupa l-fond u oħrajn huma dovuti għal vetusta u nuqqas ta' riparazzjonijiet li, fid-difett ta' stipulazzjoni konvenzjonali kuntrarja, imissu lis-sid.

Għal dawn il-motivi din il-Qorti hi ta' fehma illi l-kawżalijiet addotti mill-appellat ma ġewx pruvati soddisfaċentement u għalhekk tiddeċiedi billi tilqa l-appell, tirrevoka d-deċiżżjoni appellata u tiċħad it-talba ta' l-appellat bl-ispejjeż kontra *tiegħu*.